# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Gimgha 4 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Numru : 577/2015JPG**
**Kawza Numru: 19**

**APS Bank Limited (Reg Nru C 2192)**

**VS**

**Al Mohamed Wendy K.I. numru 420933M**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta'APS Bank Limited datat 12 ta' Gunju, 2015 guramentat minn Joseanne Gauci li jaqra hekk:

1. *"Illi l-intimata Al Mohamed Wendy hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' Wiehed u tletin elf, disa' mija u tlieta u hamsin Ewro u tmienja u sebghin centezmi (Ewro 31,953.78) rapprezentanti:*

   A) *In kwantu disgha u ghoxrin elf, sebgha mija u erbgha u erbghin Ewro u disgha u tmenin centenzmi (Ewro 29,744.89) bilanc dovut fuq Loan Account numru tnejn, xejn, xejn, xejn wiehed, wiehed, tnejn, sebgha, tnejn, tmienja, sing, tnejn (2000112728-2), bl-imghax mill-ewwel (1) ta' Jannar, 2015, [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A];*

*B) In kwantu ghal tlett mija u sebghin Ewro u sittin centezmu (Ewro 370.60) bilanc dovut fuq Current Account numru tnejn, xejn, xejn, xejn, wiehed, wiehed, hamsa wiehed, tnejn, tnejn, sing, sitta (2000115122-6), bl-imghax mill-ewwel (1) ta' Jannar, 2015 [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B];*

*C) In kwantu elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin Ewro u sittin centezmu (Ewro 1,823.60) bilanc dovut fuq Interest Disposal Account numru tnejn, xejn, xejn, xejn, wiehed, erbgha, disgha, tlieta, tlieta, tnejn, sing, hamsa (2000149332-5), eskluz l-imghax [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C];*

*D) In kwantu erbatax-il Ewro u disgha u sittin centezmu (Ewro 14.69) bilanc dovut fuq Interest Disposal Account numru tnejn, xejn, xejn, xejn, wiehed, erbgha, disgha, tlieta, tlieta, wiehed, sing, erbgha (2000149331-4), eskluz l-imhgax [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument D];*

2. *Illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-intimat lis-socjeta' rikorrenti u, fil-fehma tal-istess socjeta' rikorennti, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, u dan billi fil-fehma ta' l-istess socjeta' rikorrenti, l-intimata m'ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba tal-hlas ta' l-imsemmi ammont komplessiv;*
3. *Illi, ghalkemm l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont hawn fuq imsemmi lis-socjeta' rikorrenti, inkluz b'ittra gudizzjarja datata 24 ta' Dicembru, 2014, [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument E]; hija baqghat inadempjenti;*
4. *Illi s-socjeta' rikorenti qed tintavola Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta' l-istess intimat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat;*
5. *Illi r-rapprezentanta tas-socjeta' rikorrenti ghandha konjizzjoni ta' dawn il-fatti;*
6. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, is-socjeta' rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja d-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:*

1. *Tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u tletin elf, disa' mija u tlieta u hamsin Ewro u tmienja u sebghin centezmi (€31,953.78) rapprezentanti in kwantu ghal-*

- *disgha u ghoxrin elf, sebgha mija u erbgha u erbghin Ewro u disgha u tmenin centenzmi (Ewro 29,744.89) bilanc dovut fuq Loan Account numru tnejn, xejn, xejn, xejn wiehed, wiehed, tnejn, sebgha, tnejn, tmienja, sing, tnejn (2000112728-2), bl-imghax mill-ewwel (1) ta' Jannar, 2015 sal-pagament effettiv;*
- *in kwantu ghal tlett mija u sebghin Ewro u sittin centezmu (Ewro 370.60) bilanc dovut fuq Current Account numru tnejn, xejn, xejn, xejn, wiehed, wiehed, hamsa wiehed, tnejn, tnejn, sing, sitta (2000115122-6), bl-imghax mill-ewwel (1) ta' Jannar, 2015 sal-pagament effettiv;*
- *in kwantu ghal elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin Ewro u sittin centezmu (Ewro 1,823.60) bilanc dovut fuq Interest Disposal Account numru tnejn, xejn, xejn, xejn, wiehed, erbgha, disgha, tlieta, tlieta, tnejn, sing, hamsa (2000149332-5); u*
- *In kwantu erbatax-il Ewro u disgha u sittin centezmu (Ewro 14.69) bilanc dovut fuq Interest Disposal Account numru tnejn, xejn, xejn, xejn, wiehed, erbgha, disgha, tlieta, tlieta, wiehed, sing, erbgha (2000149331-4);*

*Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali bin-numru erbgha t'elef, mitejn u sitta u sittin zbarra elfejn u erbatax (4266/2014) ipprezentata nhar l-24 ta' Dicembru, 2014 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, u bl-imghax ulterjuri b'effett mill-1 ta' Jannar, 2015, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata, li hija mil-lum ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi;

Rat in-nota t'**ammissjoni** tal-intimata Ali Mohamed Wendy tat-2 ta' Lulju, 2015 (a fol.15);

Rat il-verbal tal-4 ta' Dicembru, 2015 illi permezz tieghu, Dr. Kris Balzan ghall-Bank attur u Dr Jeffrey Vella ghall-intimata nformaw lil Qorti li l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza in vista tal-ammissjoni;

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat u ezaminat il-provi dokumentari prodotti mill-bank attur u cioe' minn Fol 5 sa Fol. 8 tal-process.

Il-Qorti rat ukoll l-ittra gudizzjarja datata 24 ta' Dicembru, 2014 a Fol 9 fil-process.

Dawn il-provi ma huma bl-ebda mod kontradetti anzi jirrizulta illi, Al Mohamed Wendy permezz tan-nota taghha datata 2 ta' Lulju 2015 – (vide fol 15), **ammettiet** it-talba tal-bank attur.

**Ghal dawn il-mottivi , l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-bank attur, bl-ispejjez u bl-imghax mit-12 ta' Gunju, 2015 sad-data tal-pagament effettiv stante illi jidher li l-imghaxijiet gew mahduma sad-data tal-prezentata tar-rikors promotorju.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**